MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2015

Numru 1/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Omissis**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Omissis.

Akkuzat talli nhar it-8 ta' Lulju, 2015 gewwa numru 3, San Nikola Court, Misrah San Nikola, Zabbar ikkommetta offizi ta' natura hafifa fuq Omissis u dan sar b'aggravju peress li l-vittma hi bintu.

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, b'ghajjat u bil-glied u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti, giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni inkluza fil-mori tal-kawza kontra Omissis a beneficcju ta' bintu Omissis u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba tiratta mal-imputat bhala recidiv u dan wara li inghata diversi sentenza huma definittivi u ma' jistghux jigu mibdula.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miguba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat d-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu, u min-naha l-ohra hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi li wasslu ghall-incident in ezami, l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fatt li l-parte leza hafret lill-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50, 221, 222 u 338(dd) fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sentejn (2) bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni  mghoti kontestwalment, in oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Omissis u ghaz-zamma ta'l-ordni pubblika l-Qorti qed torbot lill-imputat b'obbligazzjoni tieghu nnifsu ghal perjodu ta' sena (1) taht penali ta' elfejn Euro (€2,000). Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz in ezami l-Qorti mhux qed tilqa t-talba ghall-hrug ta' ordni ta' trazzin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

Il-Qorti, sa biex tipprotegi l-identita tal-parte leza Omissis li ghadha minorenni, tordna id-divjet mill-publikazzjoni ta' isem il-partijiet f'kull mezz ta' komunikazzjoni u/jew stampa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------